MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Numru 226/2007

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)

Vs

Angel Attard

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Angel Attard detentur ta' karta ta' identita' numbru 632281(M), akkuzat talli:

1. Fit-13 ta' Ottubru 2006 u fix-xhur u jiem ta' qabel, f'Haz Zabbar, f'Marsaskala, fir-Rabat u f'diversi nhawi f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru LCL 445 fuq vettura

differenti tal-marka Isuzu Elf (numru tar-registrazzjoni originali IBH635)

2. U talli: fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal sett pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru LCL 445 fuq vettura differenti tal-marka Isuzu Elf (numru tar-registrazzjoni originali IBH 635);

3. U talli: fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indhal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru tar-registrazzjoni originali IBH 635, liema vettura hija rapurtata misruqa;

4. U talli: fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, malli sar jaf li xi haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta hekk sar jaf;

5. U talli: fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, saq vettura tal-ghamla Isuzu Elf (numru tar-registrazzjoni originali IBH 635), minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita Dwar it-Transport ta' Malta, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta' azzikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni f'din l-ewwel dehra mal qari tal-akkuza fl-liema ammissjoni huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ir-reati li bihom l-imputat jinsab akkuzat jirreferu ghall-Artikolu 188, 189, 334, 334A tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 104.

L-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn ir-reati hija wahda volontarja u inkondizzjonata.

Wara li rat l-Artikoli fuq imsemmija, ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap 9, u kkonsidrat kollox, inkluz l-istqarrija tal-imputat, tiddecidi: li ghal dak li jirriwarda l-ewwel erba akkuzi tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446; fil-konfront tal-hames akkuza li tikundannah LM1000 multa u tiskwalifikah mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena mill-lum li ghandha tibda issehh mid-19 ta' Novembru 2007, u dana stante illi l-Qorti mhiex qeghdha tirrijavvisa ebda ragunijiet specjali li jistaw japplikaw fic-cirkostanzi.

Ghal dik li hija l-multa l-Qorti qeghdha tawtorizza lill imputat li tithallas b'pagamenti rateali ta' LM50 l-wiehed, kull l-ahhar ta' kull xahar, konsekuttivament u ininterrottament, l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Jannar 2008 u bid-dedadenza fin-nuqqas.

Il-Qorti spiegat lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------